MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 2674/1996/1

**ISLAND CONSTRUCTION COMPANY LIMITED**

vs

Stephen u Mary Louise konjuġi **SCHEMBRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Settembru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin miżżewġin Schembri huma debituri tagħha fis-somma ta' tlitt elef mija u sbatax-il lira Maltin u sitta u tmenin ċenteżmi (Lm 3,171.86)[1], jew f'somma oħra likwidata mill-istess Qorti, jekk meħtieġa bl-għajnuna ta' perit minnha maħtur, u li

[1] Li jġibu € 7,388.45 fi flus tal-lum

tirrappreżenta bilanċ ta' prezz għal xogħol ta' bini li l-istess kumpannija attriċi tqabbdet tagħmel mill-imħarrkin u għal materjal konsenjat; (b) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha s-somma hekk likwidata; u (ċ) tordnalhom ukoll biex iroddu lura xi travetti, proprjeta' tagħha, li l-imħarrkin żammew għandhom mingħajr jedd u bla raġuni tajba. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Schembri fl-24 ta' Ġunju, 1998, li biha laqgħu għat-talbiet tal-kumpannija attriċi billi qalu li l-azzjoni saret qabel waqtha għaliex il-kumpannija attriċi abbandunat ix-xogħol qabel intemm.  Fuq kollox, laqgħu billi qalu li l-kumpannija attriċi ma wettqitx l-appalt mogħti lilha kif jitolbu s-sengħa u l-arti u għalhekk ma jistħoqqilha l-ebda ħlas sakemm ma tirranġax ix-xogħol ħażin li tathom. Jilmintaw ukoll mill-fatt li qabel infetħet il-kawża ma kinux ingħataw kont dettaljat ta' dak il-ħlas li kienet qiegħda tippretendi l-kumpannija attriċi u lanqas intalbu jroddulha lura t-travetti tagħha li ħalliet fuq il-lant tax-xogħol. Għalhekk ma għandhomx ibatu spejjeż;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrkin Schembri fl-24 ta' Ġunju, 1998, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti (a) tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta biex tagħmel ix-xogħlijiet kollha ta' tiswija meħtieġa li jsiru fil-binja li għamlet fuq talba tagħhom u dan fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissalha u, jekk meħtieġ, taħt is-sorveljanza ta' perit imqabbad minnha; u (b) f'każ li l-kumpannija attriċi tonqos li twettaq dak lilha ordnat fiż-żmien mogħti, tagħtihom il-jedd li jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa ta' tiswija bi spejjeż għall-istess kumpannija rikonvenuta.  Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi rikonvenuta fit-13 ta' Awissu, 1998, li biha warrbet it-talbiet rikonvenzjonali bħala mhux mistħoqqa u ċaħdet li hija tat xogħol ħażin jew li hemm xi xogħlijiet ta' tiswija xi jsiru fix-xogħol minnha mogħti;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Novembru, 1998, li bih ħatret bħala perit tekniku lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Frederick Doublet;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fid-19 ta' Mejju, 2003[2], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-16 ta' Novembru, 2004 wara li dam xi żmien ma jsir il-ħlas tad-drittijiet tiegħu;

Rat it-Tweġibiet imressqin mill-perit tekniku bin-Nota tiegħu tat-23 ta' Mejju, 2005[3], għall-mistoqsijiet magħmulin mill-imħarrkin bin-Nota tagħhom tat-12 ta' April, 2005[4], għall-eskussjoni tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Awissu, 2005[5], li bih awtorizżat lill-imħarrkin iressqu għal darb'oħra b'xhud tagħhom lill-perit tagħhom;

Semgħet ix-xhieda tal-perit arkitett Jean-Pierre Attard;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2006, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi, u, fuq talba tal-avukati rispettivi, tat lill-partijiet żmie biex iressqu Noti bis-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet mressqa mill-kumpannija attriċi fis-6 ta' Novembru, 2006[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fid-29 ta' Jannar, 2007[7], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Frar, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[2] Paġġ. 95 sa 159 tal-proċess
[3] Paġġ. 169 sa 174 tal-proċess
[4] Paġ. 167 tal-proċess
[5] Paġ. 179 tal-proċess
[6] Paġġ. 203 – 4 tal-proċess
[7] Paġġ. 205 sa 210 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħol mogħti f'appalt. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "ICL") tqabbdet mill-imħarrkin biex tibnilhom dar fuq art li kellhom fil-Mosta. Tgħid li l-imħarrkin naqsu li jħallsu l-bilanċ dovut għall-istess xogħol u għal xi materjal konsenjat. Tgħid ukoll li żammew għandhom xi travetti tagħha li kienu ntużaw waqt l-appalt u li ma jridux irodduhomlha lura;

Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi xlew lil ICL li waqfet mix-xogħol qabel temmet dak li qabbduha tagħmel, u li hija għamlet xogħol ħażin li ma jistħoqqilhiex ħlas tiegħu qabel ma tirranġah. Fuq kollox qalu li huma qatt ma kienu ngħataw kont dettaljat tal-ħlas pretiż u lanqas kienu ntalbu jroddu lura t-travetti. Fuq kollox, ressqu kontro-talba kontra ICL biex jitolbuha tagħmel xogħol ta' tiswija wara li, meta kienet telqet mill-lant, ħarġu xi ħsarat fil-binja li għamlitilhom;

Illi ICL laqgħet għal din l-azzjoni rikonvenzjonali billi warrbet għal kollox ix-xiljiet tal-imħarrkin rikonvenjenti bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-imħarrkin kienu xtraw art indikata bħala Plot 252 fi Triq il-Battaljun (illum iġġib l-isem ta' Triq l-Għerien tal-Wied) f'Santa Margerita, fil-limiti tal-Mosta biex fuqha jibnu d-dar tagħhom. Għall-bidu tal-1994, qabbdu lil ICL biex tibnilhom dar fuq dik l-art, liema xogħol kellu jissorveljah il-perit tagħhom, l-arkitett Jean-Pierre Attard. Il-binja kellha tkun ta' *terraced house* b' *garage basement*, żewġ sulari fuqu u kamra tal-bejt[8]. ICL kellha tieħu ħsieb ukoll ix-xiri tal-materjal meħtieġ għall-appalt. L-appalt kien miftiehem bejn il-partijiet skond rati maqbula. Mill-kont sħiħ lilhom mibgħut (li jitla' għal Lm 9372.66), l-imħarrkin jgħidu li ħallsu b'kollox is-somma ta' Lm 7,100, fosthom Lm 900 għax-xogħol fil-*basement*[9]. L-imħarrkin kienu kisbu

[8] Dokti "MS1" sa "MS3", f'paġġ. 75 – 7 tal-proċess
[9] Affidavit tal-imħarrek 28.6.2001, f'paġ. 68 tal-proċess

għajnuna finanzjarja fis-sura ta' faċilita' minn istituzzjoni finanzjarja, tant li tnejn mill-ħlasijiet akkont saru mill-fondi hekk mogħtija[10];

Illi x-xogħol imwettaq żamm mal-pjanti mfassla u mad-direttivi tal-perit imqabbad[11], għalkemm f'xi każijiet ix-xogħol sar "skond il-gosti tal-konvenuti li kienu jgħidulna"[12] ICL lestiet ix-xogħol kollu tal-bini ħlief għat-taraġ li jagħti għad-dħul ewlieni tad-dar u għal gallarija li tinsab fuq il-faċċata tad-dar fit-tieni sular. Għal dan ix-xogħol u kif ukoll għax-xogħol tal-kontro-bejt, l-imħarrkin qabbdu lil ħaddieħor wara li ICJ intalbet li tagħmel dak ix-xogħol u ma resqitx lejn il-post[13]. Il-kejl tax-xogħol imwettaq minn ICL sar mill-perit Attard fil-preżenza tal-imħarrek u tar-rappreżentant ta' ICL[14];

Illi fi Frar tal-1995, ICL ħarġet kont proviżorju għax-xogħol li kien sar fil-ġid tal-imħarrkin sa ċertu livell[15]. F'Ġunju tal-1995[16] u f'Mejju tal-1996[17], ħarġet kontijiet oħrajn li, bejniethom, kienu jinkludu x-xogħol kollu li għamlet fl-appalt;

Illi f'Lulju tal-1996, ICL bagħtet titlob il-ħlas lill-imħarrkin permezz ta' ittra uffiċjali[18], għal liema talba l-imħarrkin wieġbu b'oħra fil-5 ta' Awissu, 1996[19]. Xahar wara nfetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> l-Qorti trid tistħarreġ fl-ewwel lok l-aspetti tal-appalt u jekk dan twettaqx kif mistenni, u, fit-tieni lok l-aspett tal-kreditu pretiż. Dan irid isir biex ikunu indirizzati kemm il-xilja tal-imħarrkin (manifestata wkoll fl-azzjoni rikonvenzjonali tagħhom kontra ICL) li l-attriċi naqset milli twettaq kif xieraq l-appalt mogħti lilha, u kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu jekk kemm-il darba dawk ix-xiljiet

[10] Dokti "SA5" u "SA7", f'paġġ. 164/5 u 164/9 tal-proċess
[11] Xhieda tal-A.I.Ċ. Jean-Pierre Attard 11.1.2002, f'paġġ. 164/38 – 164/40 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Dennis Micallef 23.2.2001, f'paġ. 164/32 tal-proċess
[13] Affidavit tal-imħarrka 19.6.2001, f'paġ. 71 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Stephen Aquilina 24.3.1999, f'paġ. 164/22 tal-proċess
[15] Dok "MS4", f'paġ. 78 tal-proċess
[16] Dok "SA6", f'paġ. 164/6 tal-proċess
[17] Dok "SA8", f'paġ. 164/10 tal-proċess
[18] Dok "MS5", f'paġ. 79 tal-proċess
[19] Dok "MS6", f'paġ. 80 tal-proċess

jirriżultaw minnhom, u kif ukoll biex minn tali konklużjonijiet il-Qorti tkun f'qagħda li tqis x'inhu l-ammont li l-imħarrkin għad fadlilhom (jekk tassew għad fadlilhom) iħallsu lil ICL;

Illi l-imħarrkin isejsu l-każ tagħhom fuq ix-xilja tal-inadempiment kuntrattwali min-naħa ta' ICL. Dan itennuh għal żewġ raġunijiet: l-ewwel waħda hija l-abbandun qabel iż-żmien u t-tħollija tax-xogħol appaltat f'nofs leħja, bil-konsegwenza li kellhom iqabbdu lil ħaddieħor biex itemm ix-xogħol miftiehem; it-tieni waħda hija t-twettiq ta' xi xogħol ħażin li wassal għal ħsara fil-post mibni jew għal kruha fid-dehra tal-binja fis-sura sħiħa tagħha;

Illi mill-atti tal-kawża joħroġ li (i) l-post mibni minn ICL qiegħed jintuża mill-imħarrkin bħala d-dar fejn jgħixu, (ii) li l-istess imħarrkin ħallsu akkonti sostanzjali mill-kontijiet li ntbagħtulhom, (iii) li ċertu xogħol temmewh billi qabbdu lil ħaddieħor wara li kienu talbu lil ICL biex tiġi tagħmlu, u (iv) li ma jidhirx li, qabel ma ICL bagħtet tinterpella lill-imħarrkin b'ittra uffiċjali biex iħallsu l-bilanċ li qiegħda tippretendi, l-imħarrkin qatt ilmintaw magħha dwar xogħol ħażin jew ħsarat;

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[20]. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[21]. Jekk, fir-rabta tal-obbligazzjoni, jkun ingħata żmien għat-twettiq tagħha, id-debitur li jħalli ż-żmien jgħaddi jitqiegħed *in mora* u jibdew jgħaddu mgħaxijiet kontrih favur il-kreditur. Iżda fejn ma jkunx ingħata żmien għall-obbligazzjoni jew fejn, minkejja li jkun ingħata żmien, id-debitur imut qabel ma jgħaddi dak iż-

[20] Art. 1125 tal-Kap 16
[21] Art. 1127 tal-Kap 16

żmien, id-debitur jew il-werrieta tiegħu jitqegħdu *in mora* biss wara li jiġu msejħin b'att ġudizzjarju[22];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[23]. Ġie wkoll stabilit li, f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista' jagħżel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq, ukoll kontra r-rieda tad-debitur, jew inkella li jitlob li jitħallas għad-danni li jkun ġarrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq[24];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[25]. Huwa magħruf li, fil-kuntratt tal-appalt, l-għaqal mistenni mill-kuntrattur jissarraf f'dak "is-sens ta' professjonalita' teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattjeni ruħu fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u tal-arti"[26];

Illi fid-dawl ta' dan il-kejl ta' mġiba, l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jagħmel skond l-aħjar sengħa u ħila tiegħu biex jagħti xogħol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu[27]. B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiża li x-xogħol ma sarx tajjeb għaliex sar kif riedu l-kommittent, għaliex l-appaltatur irid jirreżisti kull intromissjoni tal-kommittent jekk minħabba dak l-indħil jew insistenza x-xogħol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti[28]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[29]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur

---

[22] Art. 1130 tal-Kap 16

[23] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)

[24] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXIV.ii.578**)

[25] Art. 1132(1) tal-Kap 16

[26] App. Ċiv. Inf. **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Ltd et vs Anġlu Żarb***

[27] App. Kumm. **1.3.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Guillaumier noe vs Borġ Cardona*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.438**)

[28] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**)

[29] Art. 1133 tal-Kap 16

irid juri li n-nuqqas ta’ twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta’ ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta’ aċċident jew forza maġġuri[30];

Illi lanqas ma jiswa l-argument ta’ appaltatur li x-xogħol mogħti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-aħħar u li ma kienx ressaq ilmenti jew li, saħansitra, ikun reġa’ qabbdu jagħmillu xogħol ieħor. Dan jingħad għaliex il-fatt li jsir il-ħlas jew ħlas akkont jew li x-xogħlijiet ikunu ġew approvati mill-kommittent m’humiex tarka li warajha l-appaltatur jista’ dejjem u f’kull każ jistkenn mix-xilja tat-twettiq ħażin tal-appalt[31];

Illi, madankollu, l-fatt li xogħol mogħti b’appalt ikun fih xi nuqqasijiet ma jwassalx b’daqshekk li l-appaltatur naqas li jwettaq dak li ntrabat għalih u li dak in-nuqqas iqiegħed lill-istess appaltatur responsabbli għad-danni lejn il-kommittenti tiegħu[32]. Kemm hu hekk, fejn nuqqasijiet bħal dawn jirriżultaw li m’humiex ta’ xejra essenzjali li jivvizzjaw il-kuntratt jew jagħtu lok għall-patt kommissorju, l-appaltant ikollu l-jedd biss li jitlob li tali nuqqasijiet jissewwew jew li jingħata tnaqqis fil-prezz tax-xogħol appaltat[33]. Hu huwa biss meta tali tiswijiet ma jkunux għadhom jistgħu jsiru aktar li l-kommittent jingħatalu l-jedd li jfittex għad-danni[34];

Illi, fl-aħħarnett, id-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[35], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[36]. Fejn in-nuqqas ta’ twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma

---

[30] Art.1134 tal-Kap 16
[31] Per eżempju, ara P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri***
[32] App. Kumm. **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XLII.i.699**)
[33] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et noe***
[34] P.A. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Cuschieri*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.iii.190**)
[35] Art. 1135 tal-Kap 16
[36] Art. 1137 tal-Kap 16

dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[37];

Illi wara li l-Qorti qieset dawn il-prinċipji legali ewlenin dwar il-qasam tal-inadempiment kuntrattwali fil-każ tal-appalt, se tgħaddi biex tqis il-fehmiet tal-perit tekniku u l-aspetti l-oħrajn kollha marbutin mal-każ in konkret;

Illi mill-kostatazzjonijiet magħmulin wara aċċess fuq il-post u wkoll minn kalkoli matematiċi u tekniċi[38], il-perit tekniku wasal għall-fehma li ġeneralment ICL wettqet sewwa x-xogħol li tqabbdet tagħmel. Ta' min jgħid, madankollu, li l-perit ra li kien hemm xi nuqqasijiet (fil-wisgħa tal-aperturi fil-faċċata u fil-blata tat-tieqa t'isfel) li huwa sejħilhom "kosmetiċi" u ta' ftit siwi, u sab ukoll li waħda mill-planki li qiegħda terfa' l-bini tad-dar ixxaqqet għal tulha u qiegħda terfa' piż akbar minn kemm suppost u li qies li tali difett "jista' jkun serju u jimmerita investigazzjoni sew"[39] għalkemm deherlu li tali piż qiegħed jintrefa' mill-planki li hemm fuq kull naħa tal-planka mxaqqa[40]. Jekk il-Qorti fehmet sewwa, madankollu, jidher li l-perit tekniku ma setax jasal għal fehma univoka dwar min jista' jaħti għal dan in-nuqqas (ara §§ 29.1, 29.2, 29.4 u 29.5 tar-Relazzjoni);

Illi f'kull każ, mill-provi mressqa ma setax jitqies li r-responsabbilta' għall-għażla tal-planki partikolari ttieħdet minn jew fuq inizzjativa ta' ICL. F'każ fejn hemm allegazzjoni ta' għamil dannuż, din trid tkun ippruvata kif imiss minn min jagħmilha u tali prova trid tkun fil-grad mistenni. Meta tressaq jixhed mill-ġdid il-perit Attard[41] imqabbad mill-imħarrkin, dan qal li hu ma kienx involut professjonalment fix-xogħol tad-disinjar u l-provvista tal-planki. Anzi, seħaq li dik l-għażla u dik il-provvista kienu mħollija għal kollox f'idejn ICL. ICL ma merietx din ix-xhieda, minkejja li kellha opportunita' li tagħfas lill-imsemmi xhud b'kontro-eżami;

---

[37] Art. 1136 tal-Kap 16
[38] Paġġ. 160 – 2 tal-proċess
[39] § 28.0 tar-Relazzjoni f'paġ. 144 tal-proċess
[40] § 28.18 tar-Relazzjoni f'paġ. 151 tal-proċess
[41] Xhieda tiegħu 17.1.2006, f'paġ. 192 tal-proċess

Illi l-perit tekniku żamm lura milli jixħet xi ħtija partikolari jew li jagħmel xi attribuzzjoni dwar tali ħtija. Huwa wkoll ħalla barra mill-fehmiet tiegħu kostatazzjonijiet ta' natura legali. Wera ċerta fehma b'mod qawwi dwar it-tħollija minn persuna professjonalment responsabbli ta' deċiżjonijiet bħal dawn f'idejn kuntrattur, imma stqarr li ma kellux biżżejed elementi ta' prova biex jipponta subgħajh lejn xi responsabbilta' partikolari ta' xiħadd jew f'liema grad;

Illi f'sitwazzjoni bħal din, il-liġi trid[42] li fejn il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ġab b'għamilu ma tkunx tista' tiġi stabilita, min ikun bata l-ħsara **jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid** minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi ħadd minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn;

Illi l-prinċipju ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jinbena fuq il-fatt li fejn jirriżulta li tassew ikun seħħ dannu minn għamil jew omissjoni ta' aktar minn persuna waħda, imma s-sehem ta' kull waħda minnhom mhux magħruf jew ma jistax jitqies sewwa, l-persuna mġarrba xorta waħda ma titlifx il-jedd li titlob il-kumpens u mhux sewwa li xi ħadd jistaħba wara oħrajn biex jaħrab mir-responsabbilta' tiegħu[43]. It-tħaddim ta' dan il-prinċipju jgħodd fejn l-għamil illeċitu jkun wieħed imnissel jew minn ftehim komuni bejn aktar minn persuna waħda jew minn xi konkors materjali ta' aktar minn persuna waħda[44], imqar jekk f'uħud kien hemm il-ħsieb doluż waqt li f'oħrajn kien hemm biss it-traskuraġni jew nuqqas ta' għaqal[45];

Illi din il-qagħda ġuridika hija magħrufa wkoll f'ordinamenti legali oħrajn, bħal, biex jingħata eżempju, taħt is-sistema taljan, fejn il-kwestjoni hija regolata fl-artikolu 2055 tal-Kodiċi Ċivili taljan. Dwar din id-dispożizzjoni partikolari ngħad b'awtorita' li "*Affinche` piu` persone possano*

---

[42] Art. 1050(1) tal-Kap 16

[43] P.A. **7.3.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Psaila Manche' et vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.518**)

[44] P.A. **30.1.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċini vs Carabott et*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.703**)

[45] Giorgi Delle Obbligazioni (Vol V, §§ 191, 193) u App. Inf. **9.2.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta p.l.c.***

*essere chiamate a rispondere in solido di un fatto illecito ... non e` necessario che tutte abbiano agito col medesimo atteggiamento soggettivo (dolo o colpa), ma e` sufficiente che anche con condotte indipendenti, tutte abbiano concausato il medesimo fatto dannoso*"[46];

Illi dan kollu jissejjes fuq ir-regola li "*In tema di responsabbilta` civile, qualore l'evento dannoso si ricolleghi a piu` azioni o omissioni, il problema del concorso delle cause trova soluzione nella norma... applicabile nei giudizi civili di responsabilita`, in virtu` del quale il concorso di cause pre-esistenti, simultanee o sopravvenute, anche se indipendenti dall'omissione del colpevole, non esclude il rapporto di causalita` fra dette cause e l'evento, essendo quest'ultimo riconducibile a tutte, tranne che si accerti la esclussiva efficienza causale di una di esse. In particolare, in riferimento al caso in cui una delle cause consiste in una omissione, la positiva valutazione sull'esistenza del nesso causale tra omissione ed evento presuppone che si accerti che l'azione omessa, se fosse stata compiuta, sarebbe stata idonea ad impedire l'evento dannoso ovvero a ridurne le conseguenze, e non puo` esserne esclusa l'efficienza soltanto perche` sia incerto il suo grado di incidenza causale*"[47];

Illi fil-każ tal-lum, il-perit tekniku wasal għall-fehma testwali li "kalkolu approssimattiv preliminari kien jindika li s-saqaf ordnat mhux addattat għall-pisien proġettati, mingħajr mezzi aħjar ta' distribuzzjoni tal-pisien. .... Ma teżistix *short cut* għall-ippjanar bil-ħsieb u kalkoli bir-reqqa għal xogħljiet strutturali. Huwa ħażin li professjonist inkarigat iħalli f'idejn il-kuntrattur, li ma jistax ikun kompetenti, ħadem kemm ħadem, biex jieħu ċerti deċiżjonijiet"[48]. Imbagħad għadda biex jindika x'xogħlijiet rimedjali jaħseb li għandhom isiru. Dawn il-fehmiet tal-perit tekniku jixhdu tajjeb biżżejjed li hu kien imħasseb minn dak li sab u li dan it-tħassib isejjes l-ilment tal-imħarrkin li xi parti mix-xogħol mogħti minn ICL ma kienx sewwa. Il-perit ma setax jgħid

---

[46] Cass. Sezz. Civ. (III) **14.10.2008** (Nru. 25157)
[47] Cass. Sez. Civ. (III) **13.5.2008** (Nru. 11903)
[48] §§ 29.2 u 29.5 tar-Relazzjoni

kemm minn dan in-nuqqas huwa mitfugħ fuq ICL u kemm fuq ħaddieħor. Huwa fatt pruvat, madankollu, li ICL innifisha bagħtet lill-imħarrkin il-kont għall-planki, ukoll jekk l-imħarrkin ħallsu l-kont b'*cheque* pagabbli direttament lill-kumpannija li forniethom;

Illi l-Qorti jidhrilha li wieħed ma jistax jiċħad ir-rabta bejn il-bini tad-dar tal-imħarrkin u l-ħsara li ħarġet fil-planka minħabba t-tagħbija żejda li tgħabbiet fuqha. Il-planka kienet ipprovduta bħala parti mill-appalt u l-bini li ttella' fuqha kien ukoll xogħol li jagħmel mill-appalt mogħti lil ICL. Minħabba f'hekk, u minħabba li ma ntweriex li l-imħarrkin għamlu xi ħaġa li biha ħalqu ċirkostanza supervenjenti jew kisru r-rabta kawżali bejn it-twettiq tal-appalt u l-ħsara li ħarġet, din il-Qorti tasal għall-fehma li dik il-ħsara hija dannu li l-imħarrkin ġarrbu u li xi ħadd irid jagħmel tajjeb għaliha;

Illi bi tħaddim tar-regola msemmija fl-imsemmi artikolu 1050 flimkien mal-artikolu 1538 tal-Kodiċi Ċivili, l-Qorti tasal għall-fehma li ICL trid tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li l-imħarrkin iridu jidħlu għalihom biex jitneħħa l-periklu misjub minħabba l-piż fuq il-planka, jekk kemm-il darba ICL innifisha tonqos li tagħmel hi x-xogħol rimedjali suġġerit;

Illi l-perit tekniku qies li biex ikun hemm xi għamla ta' kumpens għan-nuqqasijiet "kosmetiċi", ma kienx il-każ li jirrakkomanda xogħlijiet rimedjali ("għaliex m'hemmx xejn x'tagħmel"), iżda li jingħata kumpens fi flus. Dwar dawn, qies li kumpens ta' € 186.35 ikun tajjeb biżżejjed. Dwar l-ispejjeż tax-xogħlijiet għat-tirfid u t-tisħiħ tal-planka, huwa ssuġġerixxa x'inhuma x-xogħlijiet meħtieġa u xi tkun in-nefqa stmata għal tali xogħlijiet. Huwa qies li din in-nefqa titla' għal € 1,048.22;

Illi dwar l-ammont bilanċjali dovut, ICL għandha raġun meta tgħid li l-perit tekniku ma għamilx sewwa li qagħad fuq dak li xehdu l-imħarrkin fl-afidavit tagħhom fis-sens li huma kienu ħallsu € 2,096.44 fi flus kontanti f'żewġ okkażjonijiet oħrajn, minbarra fiż-żewġ ħlasijiet magħmulin b'*cheque* u debitament dokumentati fl-atti. Il-Qorti tqis li

min jallega l-ħlas irid iġib il-prova ta' dak il-ħlas u mhux biżżejjed jallegah. Normalment, min iwettaq ħlas jagħmel ħiltu biex jingħata xhieda ta' dak il-ħlas, x'aktarx b'riċevuta. L-imħarrkin naqsu minn dan ir-rigward. Minbarra dan, meta wieġbu għall-ittra uffiċjali mibgħuta lilhom minn ICL, lanqas biss semmew xejn biex jikkontestaw l-ammont speċifiku mitlub mill-mittenti, imma illimitaw irwieħhom biex jilmintaw fuq xi nuqqasijiet fix-xogħol mogħti. Dan kollu jwassal lill-Qorti biex twarrab bħala ppruvat kif imiss dak il-ħlas;

Illi għalhekk, is-somma mitluba minn ICL fl-Att taċ-Ċitazzjoni tirriżulta mistħoqqa u għandha titħallas lilha mill-imħarrkin, nieqes minnha s-somma ta' mija u sitta u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€ 186.35) bħala kumpens għan-nuqqasijiet "kosmetiċi". F'każ li ICL tonqos li tagħmel ix-xogħlijiet rimedjali suġġeriti mill-perit tekniku dwar il-ħsara fil-planka, l-imħarrkin ikollhom il-jedd li minn dak il-bilanċ inaqqsu s-somma ulterjuri ta' elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€ 1,048.22);

Illi, fl-aħħarnett, l-imħarrkin ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għat-talba ta' ICL dwar it-travetti li huma żammew għandhom. Għall-kuntrarju, illimitaw id-difiża tagħhom fis-sens li żammewhom għaliex ma ntalbux irodduhom lura. Minbarra f'hekk, fl-aħħar paragrafu tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom jiddikjaraw saħansitra li ICL "tista' tmur u tiġborhom meta trid";

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi tillikwida s-somma dovuta lill-kumpannija attriċi mill-imħarrkin fl-ammont ta' sebat elef mitejn u żewġ euro (€ 7,202), bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-23 ta' Lulju, 1996 sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' € 7,202 hawn fuq imsemmija, salv dak li se' jingħad aktar 'l isfel;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin sabiex, fi żmien ħmistax-il jum millum, iroddu lura t-travetti tal-kumpannija attriċi li qegħdin iżommu mingħajr jedd, jew li jiftehmu mal-istess kumpannija attriċi biex tgħaddi tiġborhom;

**Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali** tal-imħarrkin billi ssib li l-kumpannija attriċi rikonvenzjonata għandha tagħmel ix-xogħlijiet ta' tiswija mfissra mill-perit tekniku fil-paragrafu 30 tar-Relazzjoni tiegħu (li għandha titqies ħaġa waħda mal-parti dispożittiva ta' din is-sentenza), u dan fi żmien xahrejn millum. Minħabba li l-perit tekniku miet fil-mori tal-kawża, il-Qorti qegħda taħtar għal dan il-għan lill-Perit Arkitett Paul Micallef biex jissorvelja x-xogħlijiet meħtieġa;

**Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali** tal-imħarrkin billi tawtorizzahom li jagħmlu huma x-xogħlijiet suġġeriti mill-perit minflok il-kumpannija attriċi rikonvenzjonata, f'liema każ ikollhom il-jedd li jnaqqsu s-somma ta' elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€ 1,048.22) mill-ammont imsemmi bħala dovut lill-kumpannija attriċi rikonvenzjonata;

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża** safejn jirrigwardaw l-azzjoni ewlenija u l-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-azzjoni rikonvenzjonali**, magħduda d-drittijiet dovuti lill-perit tekniku maħtur bis-saħħa ta' din is-sentenza biex jissorvelja x-xogħlijiet rimedjali.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------